MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 129/2014

**A B**

**vs**

**Dr Kris Borg b'digriet tad-19 ta' Awissu 2014 gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti C C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-kontendenti zzewgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju elfejn u tnax (2012), kif jindika c-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok A;

Illi minn dana z-zwieg ma kienx hemm tfal;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u dan ai termini ta' Artikolu 19.1.d tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-kontendenti ghalkemm mhux interdetti jew morda, minn mohhom ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg minhabba raguni temporanea setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dana ai termini ta' l-artikolu 19.1.h. tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fil-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola z-zwiegijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi;

Illi l-esponent taf illi l-intimat ilu nieqes minn dawn il-gzejjer u presenzjalment taf li qed jirrisjedi x'imkien il-Qatar;

Talbet ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju elfejn u tnax (2012), huwa null u bla effett fil-ligi, u dan ai termini ta' l-artikoli 19.1.d, f u h tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg su riferit;

Bl-ispejjez tal-presenti kontra l-konvenut illi hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi preliminarjament l-ewwel zwieg bejn il-partijet kien dak li sehh fit-23 ta' Gunju 2011 fil-Korea, u kwindi sabiex jigi annullat iz-zwieg bejn il-partijiet hija applikabbli il-ligi Korejana u mhux dik Maltija in vista tal-*lex loci celebrationis;*

Illi t-talba tal-attrici A Al Shahri ghall-annullament taz-zwieg hija bla ebda bazi legali u intiza biss biex tipprova tahrab mill-obbligi patrominjali li hija ghandha versu r-ragel taghha bhala konsegwenza tal-istess zwieg;

Illli minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-elementi rikjesti mill-artikolu 19(1) (d), (f) u (h) ma jezistux u qatt ma ezistew, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi l-attrici kienet taf sew x'kienet qeghda taghmel meta ghazlet li tizzewweg mhux darba imma sahansitra darbtejn;

Illi l-attrici kienet ukoll ghamlet il-kors taz-zwieg mac-Church of Dubai sabiex hija tkun tista' wkoll tizzewweg bil-knisja;

Illi b'hekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

Salv ecezzjonijiet ulterjuri, u b'riserva ghall-kull azzjoni ghar-rifuzjoni tal-ispejjez u avvanzi kollha li saru mill-intimat lill-attrici, fl-eventwalita' ta' ezitu favorevoli f'din il-kawza, li ghal kull buon fini permezz ta' dan l-att gudizzjarju qed tigi interrotta l-preskrizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat in-nota tal-konvenut ipprezentata waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2015 li permezz taghha irtira l-eccezzjonijiet kollha imressqa minnu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attrici u l-intimat assenti C C datat it-28 ta' Gunju 2012 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19 (1)(d), 19(1)(f) u 19(1) (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi min-naha tieghu, l-intimat inizjalment joggezzjona ghat-talbiet attrici u jipprezenta numru ta' eccezzjonijiet, fosthom anke ta' natura legali u

preliminari izda sussegwentement, permezz ta’ nota datata t-12 ta’ Marzu 2015[1], jirtira l-eccezzjonijiet kollha mressqu minnu.

**Il-verzjoni tal-attrici**

Permezz tal-affidavit taghha[2], l-attrici tghid li zzewget lill-intimat assenti fit-28 ta’ Gunju 2012 u marru jghixu Dubai. Tghid li xahrejn qabel ma sar l-affidavit taghha kienet skopriet xi affarijiet fuq l-intimat li ma kienitx taf qabel iz-zwieg u ghalhekk ma setghetx tkompli tghix mieghu u konsegwentement giet lura Malta. Tghid li l-intimat mar jghix il-Qatar.

Imbaghad permezz ta’ affidavit iehor[3], l-attrici zzid tghid li r-relazzjoni taghhom bdiet meta kienet tahdem mal-kumpanija Emirates filwaqt li l-intimat kellu x-xoghol tieghu fil-Korea t’isfel. Tghid li minhabba l-ligijiet ta’ Dubai, fosthom dik li koppja ma jistghux jghixu flimkien jekk mhux mizzewgin, l-intimat kien jirrifjuta li jmur fir-residenza taghha u vice-versa u ghalhekk ried li jizzewgu. Issemmi li wahda mill-pieni jekk tinqabad tikkoabita hija li tigi msawwta b’qasba. Ssostni li t-tnejn kienu jibzghu minn tali pieni. Tghid li l-ftehim ma’ Aziz kien li jghixu Malta u li ghalkemm missierha ma riedx jiffirma, fl-ahhar ikkonceda u ta l-kunsens tieghu ghaz-zwieg.

Tghid li zzewgu bir-rit Islamiku gewwa l-Korea fit-23 ta’ Gunju 2011 u kienu jghixu gewwa Dubai, naturalment meta l-intimat ma kienx ikun il-Korea. Izzid tghid li Aziz ried li jizzewgu anke Malta, sabiex ikollu karta tal-identita’ Maltija u jkun jista’ jivjagga f’pajjizi Ewropej minghajr problemi. Terga’ ssostni li l-ftehim kien li jigu jigu Malta u li jrabbu t-tfal ta’ Insara ghaliex kien jghid li ried jikkonverti, peress li riedet li jizzewgu fil-Knisja f’Malta. Izda meta mbaghad tkellem mal-patri, r-risposta tal-

[1] Esebita a fol 36 tal-process
[2] Esebit a fol 13 tal-process
[3] Esebit a fol 31 tal-process

intimat inbidlet fis-sens li qal li l-ulied setghu jaghzlu huma r-religjon taghhom.

Tghid ukoll li kienet tistaqsih ripetutament jekk kellux tfal, b'dan li kien jinnega bl-aktar mod assolut u zzid tghid li kieku kienet taf li fil-verita' kellu tfal, zgur li ma kienitx tizzewgu.

Illi sar iz-zwieg hawn Malta bir-rit civili u ma sar ebda riceviment, ghaliex l-intenzjoni kienet (ghall-anqas tal-attrici) li jkun hemm zwieg bil-Knisja. Aziz kien jghid li jaqbel ukoll. Tispjega kif missierha xtara xi arja bil-ghan li fuqha tinbena proprjeta', ghaliex l-intenzjoni tal-partijiet kienet li jghixu f'Malta. Ftit wara z-zwieg Aziz applika ghall-karta tal-identita' Maltija u saru sforzi kbar biex din inhargitlu fi ftit xhur.

Ir-rikorrenti tispjega li hekk kif l-intimat akkwista l-karta tal-identita' Maltija, inbidel b'dan li ma riedx joqghod Malta u li ma riedx jizzewweg bil-Knisja. Riedha tieqaf mix-xoghol u beda jqis kull pass taghha. Tghid li ma setghetx tissaportih aktar u kif spiccalha l-kuntratt mal-Emirates f'Gunju 2013, giet lura Malta b'dan li ma rieditx taf aktar bih ghaliex kien gidbila fuq ir-religjon, fuq it-tfal u fuq il-fatt li kellhom jigu lura Malta. Fuq kollox ghaliex skopriet li ried jizzewweg biss sabiex ikun jista' jakkwista l-karta tal-identita' Malta ghaliex il-paga tieghu minn €2500 fix-xahar telghet ghal madwar €13,000, apparti l-fatt li issa seta' wkoll imur f'kull pajjiz Ewropej minghajr problemi.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar it-28 ta' Gunju 2012 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process.

Il-qorti, apparti mix-xiehda tal-attrici, taghmel referenza wkoll ghall-affidavit ta' Emanuel B[4] fejn jghid li ghalkemm hu u martu ppruvaw jikkonvincu lil binthom sabiex ma tizzewwigx lill-intimat, dan ma kienx bizzejjed ghaliex binthom baqghet ghaddejja bil-pjanijiet taghha, peress li kellha l-eta' taghha. Jghid li z-zwieg sar ghaliex l-intimat argumentat li f'Dubai hemm pieni koroh ghal min jikkoabita (peress li l-partijiet kienu sejrin jghixu hemm), izda x-xhud jistqarr li l-veru raguni ta' dan iz-zwieg ghall-intimat kienet biss sabiex jakkwista l-karta tal-identita' Maltija u xejn aktar. Prova ta' dan (dejjem skond l-istess xhud) huwa l-fatt li qabel iz-zwieg l-intimat dejjem stqarr li m'ghandux ulied, meta wara rrizulta li kellu.

Permezz tal-affidavit tieghu, Norbert B[5] jghid li ohtu zzewget lil Aziz ghaliex kienet thossha wahedha (peress li ma setghux jghixu flimkien minhabba l-ligijiet ta' Dubai) u ghaliex hasset li z-zwieg kien l-unika soluzzjoni. Jikkonferma li Aziz dejjem innega li kellu l-ulied, sahansitra sa' dakinhar li l-partijiet izzewgu f'Malta. Jikkonferma wkoll li Aziz kien jghid li ried jghix Malta, izda wara z-zwieg biddel il-verzjoni u beda jmaqdar lil Malta u jghid li ma riedx jghix hawn.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-attrici dahlet ghal dan iz-zwieg b'mod mghaggel. Xejn ma hasbet dwar il-konsegwenzi taz-zwieg, dwar il-hajja taghhom bhala koppja mizzewga. Hasbet biss fil-mument, kif ser 'issolvi' l-kwistjoni li ma ssibx ruhha wahedha aktar f'Dubai u biex ma jkunux impost fuqhom xi pieni relatati mal-ligi ta' koabitazzjoni gewwa Dubai. Il-qorti ma tistax ma tirrilevax li l-kwistjoni u d-decizjoni ghaz-zwieg, tirrizulta li kienet marbuta biss mal-fatt li l-attrici ma rieditx tibqa' wahedha f'pajjiz barrani. Dan ifisser li l- attrici xejn ma hasbet fuq dak li

[4] Esebit a fol 30 tal-process
[5] Ara a fol 34 tal-process

kienet diehla ghalih, ghaliex dak li qieset kien il-fatt li issa setghu ikunu flimkien, jghixu flimkien minghajr problem ta' xejn, minkejja li hi stess tghid li hasset li dan kien pass mghaggel. Min-naha tieghu, l-intimat ukoll ried jizzewweg malajr. Il-qorti ma thossx li r-ragunijiet tal-intimat kienu necessarjament dawk ta' konvenjenza ghaliex *se mai* dan kien il-kaz, seta' jsir zwieg wiehed hawn Malta biss u mhux isiru zewg cerimonji. Il-Qorti thoss li l-partijiet kellhom relazzjoni meta kienu gewwa Dubai u li proprju minhabba r-restrizzjonijiet tal-istess pajjiz, riedu li jizzewgu ta' malajr biex ma jkunx hemm problemi. Din kienet ir-raguni principali ghaliex l-partijiet ghazlu li jizzewgu.

F'dan l-istadju, ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[6] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***".

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[7] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens***

[6] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[7] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-qorti thoss li fil-mument propizju, l-attrici ma kellhiex id-*discretio judicii* sabiex verament taghti l-kunsens taghha, u dan anke in vista tal-fatt li l-istess attrici dahlet ghal dan iz-zwieg biex ma tibqax wahedha, minghajr ma hasbet fil-konsegwenzi kollha taz-zwieg.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg, il-qorti tirrileva li ma ngabet ebda prova ta' xi forma ta' simulazzjoni jew eskluzjoni taz-zwieg, anke jekk b'mod parzjali. L-attrici tghid li l-intimat qarraq biha meta qalilha li ried jghix hawn Malta u li ma kellux l-ulied, pero' l-fatt li qarraq biha ma jfissirx li l-intimat huwa hati wkoll ta' simulazzjoni, kompleta jew parzjali.

Il-qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[8] fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

---

[8] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Il-qorti tirrileva li r-rikorrenti ma rnexxilhiex iggib prova li permezz taghha setghet tipprova li z-zwieg taghhom kien null u bla effett abbazi ta’ dan l-Artikolu.

Illi dwar Artikolu 19(1)(h), u cioe’ li l-kunsens taghhom kien vizjat stante li ghalkemm mhux interdetti jew morda b’mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg, il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Briffa Emmanuel Vs Briffa Veronica Et**[9] fejn b’referenza ghall-Artikolu hawn citat, gie ritenut li “***Meta parti tkun qed taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg hi ghandha tgawdi grad ta' liberta` psikologika li tkun necessarja u sifficjenti li tassigura l-poteri bazici ta' l-ghazla***”. Ghalhekk, sabiex jigi pruvat li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett *ai termini* ta’ dan l-Artikolu, kien jinkombi fuq l-attrici li tipprova li fil-hin tal-kunsens, ma setghux jaghtu kunsens liberu u ma kellhomx rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Prova dwar dan ma tressqitx u ghalhekk it-talba attrici ma tistax tigi milqugha abbazi ta’ dan l-Artikolu.

Il-qorti tirrileva li f’dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta’ Marzu 1994[10], fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Ghal darb’ohra, jerga’ jigi rilevat li ma tressqet ebda prova li permezz taghha tista’ b’xi mod twassal lil din il-qorti ghall-konkluzjoni li dan l-artikolu jista’ jkun applikat fil-kaz odjern.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19 (1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna li din in-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

---

[9] Deciza nhar it-2 ta’ April 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

[10] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------